# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru: 2886

Kaz Nru. 3899/JHP

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Michelle Zammit (I.D. 50471M)

u

Gutenberg Press Limited (C 8936)

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Sur James Pearsall Msc. H.R. Trg & Perf. (Leic.) Dip in Soc. Stud (Labour Studies) UOM**

**Illum 6 ta' Frar, 2023**

1. **Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ppreżentata minn Michelle Zammit lit-Tribunal Industrijali nhar it-2 ta' Ottubru 2020 fejn issostni li filwaqt li l-impieg taghha kien terminat permezz ta' ittra datata 14 ta' Lulju 2020 ghal ragunijiet ta' dixxiplina, dan ma kienx terminat minhabba kawza gusta u sufficjenti ai termini tal-ligi skond l-ATT tal-2003 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. (Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta).

Min-naħa tas-soċjetà intimata, fir-risposta taghha b'dikjarazzjoni datata 6 ta' Novembru 2020 is-socjeta' tirritjeni li t-terminazzjoni kienet wahda gusta u sufficjenti u ghaldaqstant l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-liġi minħabba numru ta' diferimenti mitluba mis-soċjetà intimata kif ukoll ċirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

2. **Ir-rappreżentanza:**
   Is-Sinjura Michelle Zammit li minn issa il-quddiem ser tissejjah ir-rikorrent ser tkun irrapprezentata mill-Avv. Joseph Calleja u l-Avv. Robert Piscopo.

Gutenberg Press Ltd li minn issa il-quddiem ser tissejjah is-socjeta' intimata ser tkun rapprezentata mill- Avv. Emma Grech u l- Avv. Antoine Naudi.

**3. Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

Ir-rikorrenti kienet impjegata mas-socjeta' intimata bhala 'Clerk' permezz ta' kuntratt, fuq bazi full-time ghall-zmien indefinit u kienet ilha impjegat sa minn l-ewwel ta' Gunju tas-sena 2014.

Wara sensiela ta' incidenti ta' tlajjar fuq il-post tax-xoghol, b'allegat uzu tal-mezzi tal-komunikazzjoni mhux ghal bzonn tas-socjeta' intimata, li dan kien qieghed iwassal ghal-telfien ta' hin u produttivita, kif ukoll b'allegat uzu ta' xorb alkoholiku u andament ta 'problemi emozzjonali, li kien inaccettabli ghas-socjeta'.

L-ahhar incident li wassal ghal ghoti tat-terminazzjoni kien jirreferi ghar-rapport tax-xoghol ta' wiehed mill-klijenti importanti ghall kumpanija, u li kellha x'taqsam fih ir-rikorrenti.

Is-socjeta' intimata fl-ittra taghha tat-14 ta' Lulju 2020 infurmat lir-rikorrenti li l-Impieg taghha ma' Gutenberg Press Ltd kien qieghed jigi tterminat b'effett immedjat ghal ragunijiet dixxiplinarji.

**4. l-lista ta' xhieda:**

**4.1** Xhieda mressqa mir-rikorrent skond il-lista anetta mar-rikors bhala Dok E.

**4.2** Xhieda mressqa mis-socjeta' intimata skond il-lista anetta mad-dikjarazzjoni prezentata.

**5. Il-lista ta' dokumenti:**

**5.1** Ġew ippreżentati numru ta' dokumenti minn naħa tar-rikorrenti: kopja tal-kuntratt tax-xoghol immarkat Doc A ; Dok D annett mar-rikors.

**5.2** Gew ipprezenatati numru ta' dokumenti minn naha tas-socjeta' intimata mmarkati Dok GP 1 sa 8 (warnings); Dok JS 1;2; BVS 1. DOK 1;2; Dok GPCA; Dok Nru CG1;2;4;5.

**5.3** Kopja ta l-employment history tar-rikorrenti.

**6. Ġabra fil-qosor tax-xhieda:**

Waqt il-process inghatat xhiedha minn diversi impjegati fi gradi differenti tas-socjeta' intimata, li dawn kienu simili fis-sustanza taghhom fejn jikkorabboraw ma l-allegazzjonijiet li kienet qed issostni is-socjeta' intimata. Din ix-xhiedha tinsab fil-process ta' dan il-kaz.

Din ix-xhieda kienet tittratta fuq l-andament kif ukoll l-attitudni xejn pjacevoli li kienet qieghda turi ripettutament ir-rikorrenti waqt il-hin tax-xoghol taghha.

Fix-xhieda mghotija minn diversi managers/diretturi gie spjegat kif l-atti negattivi mahluqa minn naha tar-rikorrenti kienu qed jaffettwaw hazin lill-ambjent tax-xoghol fil-kumpanija. Dawn spjegaw ukoll kif minn naha taghhom offrew ripetutament l-ghajnuna kollha li setghet tinghata lir-rikorrenti, izda din kienet tigi rifjutata. Gie spjegat ukoll li l-attitudni tar-rikorrenti kienet wahda negattiva u li kienet topponi l-pariri mghotija lillha.

**Mario Magro: CFO** tas-socjeta' intimata.
"Hu ta' spjegazzjoni tal-incidenti li sehhew li wasslu ghat-terminazzjoni mill-impieg tar-rikorrenti.
*"Kwistjoni ta' telefonati eccessivi mid-dar lill numru ta' impjegati waqt li huma qeghdin ghax-xoghol.*
*Kwistjoni ta' uzu ta' xorb alkoholiku waqt il-hin tax-xoghol li r-rikorrenti kienet tipprova tahbi permezz ta' uzu ta' fwejjah , kif ukoll nuqqas ta' hidma fuq rapport ta' klijent importanti hafna ghall kumpanija.*
*Is-Sur Magro spjega li gie indikat mit-tabib tal-kumpanija , li r-rikorrenti kellha bzonn l-ghajnuna, u li l-kumpanija pprovat taghmel minn kollox sabiex taghtiha l-ghajnuna, izda dan irrizulta fin-negattiv". (Sed 16/11/20 pag 2 u 3).*

**Sylvana Piscopo:** HR manager mas-socjeta' intimata qalet hekk " ___________ *u f'din l-email li kienet mibghuta as far as I know, kienet mibghuta lill Mr Magro pero kienu kkupjati d-diretturi l-ohra _________instruct Sylvana, something to that effect, to dismiss. Din kienet l-ewwel darba li kkelli nobdi,ppruvajt nigbed l-attenzjoni li isma shouldn't we go through a disciplinary process , No, dismiss, din kienet l-instruction ta' Blodwyn dismiss.____________" (Sed 8/02/2022 pag 7 )*
*" Bazikament jiena xtaqt nipprovdi lill Michelle opportunita li jekk ghandha tghid xi haga tkun tista tghid. Dismissal qatt ma hi xi haga li tehodha a legera u ghalkemm jiena inghatajt instruction u ma tantx kelli ghazla x'naghgmel, hlief li nobdi l-instruction minghand direttur /direttrici tieghi" (Sed 08/02/2022 pag 8).*
*" Le mhux process ta' diskussjoni, jiena fl-opinjoni tieghi kient ikun ghaqli kieku ghamilna il-process illi jipprovdi ghalih l-Employment Law fejn int tgahddi minn disciplinary procedure, jinholoq bord ta' dixxiplina biex naraw dik is-sitwazzjoni, igifieri ovvjament dan se jtul, imma hassejt jekk wasalna f'dak il-punt we should go by that" (Sed 08/02/22 pag 11).*
*"__________fil-verita meta jiena dahhalta, flok qbadt u tajtha l-ittra dahhalta biex ntiha cans, issa tghidli kellha cans iggib lil xi hadt biex ikun maghha bhal ma naghmlu fi process normali ta' dixxiplina?? (Sed 08/02/22 pag 13).*

**Is-sinteżi tat-trattazzjoni tal-każ:**

**L-Avv. Emma Grech** ghas-socjeta' intimata

**"** *_________________________it-Tribunal biex , ovvjament, l-al-ahhar sentenza tat-Tribunal, ihares u jikkunsidra lejn il-provi li tellajna , li juri li dawn id-diversi impjegati li kkonfermaw direttament din l-imgieba tar-rikorrenti, u hemm dan juri li assolutament mhux minnu li l-kumpanija strahet fuq kongetturi u rapporti foloz, ghax hemm diversi xhiedha illi ikkonfermaw dawn,l-affarijiet_______ir-rikorrenti kellha bosta u anke cans kieku riedet li itella' ix-xhiedha hi, ____________u dawn ix-xhiedha ma ittelghux_____ il-kumpanija Sur Chair dejjem u dejjem uriet rispett lejn l-impjagat, u din hija xi haga illi r-rikorrenti, taf izda, ovvajament ha jasal f'punt fejn wiehed ma jistax izjed jittolera aktar, ghax fl-ahhar mill-ahhar dan huwa post tax-xoghol_____________": (Sed 04/07/22 pag3).*
*" ________Telghu quddiem it-Tribunal hemm diversi impjegati, u mhux tal-management biss________________. Issa ma nistghux fil-process tal-gustizzja nabbuzaw mill-posizzjoni, mela, nitla jiena, bhala impjegata, u nallega, u nallega , mhux vera , mhux vera , nerggha nghid fil-konfront*

*tal-provi cari u diretti u imbaghad ma nissostanzjax,_________dak li qieghed nghid______ghandha kull dritt li itella nies mill-kumpanija___________mela nitla jiena , ha nallega kontra il-kumpanija , u ma naghtix susstanza. (Sed 04/07/22 pag 6;7).*

**L-Avv: Joseph Calleja:** ghar-rikorrenti.
*Fit-trattazzjoni tieghu sosstna ripetutament li r-rikorenti ma kelliex il-htiega li tressaq xhiedha ghax dak kellu ikun minn naha tas-socjeta' intimat, u insissta ukoll li l-provi li itellghu kienu minn naha tal-management li dawn xhiedhu fuq dak li qallhom haddiehor.*
**L-Avv: Joseph Calleja :** *irrefera ghan-nuqqas ta' procedura ta' dixxiplina kif suppost rikjest mill-ftehim kollettiv, u* mhux qabdu u hadu azzjoni, bghatulha SMS, aqbad u ejja hawnhekk, hu l-affarijiet, imbaghad u it-termination saret hekk______**"** (Sed 04/07/22 pag 6 )

## 8 Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:

Fil-kunsiderazzjonijiet tieghu it-Tribunal jikkonferma mix-xhiedha ta' diversi impjegati, fi gradi differenti, tas-socjeta' intimata li l-kaz tat-terminazzjoni mill-impieg kien ibbazat fuq sensiela ta' nuqqasijiet, fi granet u perjodi differenti, li kienu indikattivi li qed jirrizultaw f'dak li jitqies bhala skartar u telfien ta' hin mix-xoghol, **(skylarking).** Dan iwassal f'telfien ta' produttivita kemm minn min joholqu, f'dan il-kaz ir-rikorrenti, kif ukoll minn (kollegi) li jigu inkluzi fih, kemm direttament jew indirettament. Dan in-nuqqas ta' produttivita kien isir mhux biss meta ir-rikorrenti kienet tkun fuq il-post tax-xoghol, izda anke meta kient tkun id-dar iccertifikata li ma kienetx tajba li tidhol ghax-xoghol.

Inghatat xhieda ohra fuq numru ta' incidenti li kienu jindikaw li r-rikorrenti kellha bzonn xi forma ta'ghajnuna ghax anke jekk dawn ghar-rikorenti ma kienux ta' riskju, mir-rapporti tat-tabib kienu jindikaw il-bzonn ta' ghajnuna u li s-socjeta' ghamlet l-ghalmu kollu taghha sabiex dan il-messagg jasal li r-rikorrenti.

It-Tribunal innota li kien il-kaz ta' rapport importanti ghas-socjeta', li inghad li ma kienetx lestiet ir-rikorrenti, li intuza bhala ir-raguni finali sabiex issir it-terminazzjoni mill-impieg tar-rikorrenti.

It-Tribunal filwaqt li jemmen li wara numru ta' snin fejn ir-rikorrenti kienet impjegat sodisfacenti ghas-socjeta', u li anke is-socjeta' uriet empatija kontinwa lejn ir-rikorrenti fejn kienet lesta li taghtiha kull ghajnuna sabiex tirranga n-nuqqasijiet taghha, u li din l-ghajnuna ma intlaqatx, ghaldaqstant is-socjeta' kellha obbligu li tipprotegi s-sitwazzjoni li setghet twassal ghal telfien ta' klijenti jew telfien ta' xoghol, billi tasal ghal terminazzjoni li kienet tkun wahda raggjonevoli.

It-Tribunal kellu jaghti kaz b'serjeta, ix-xhieda tal-impjegata mas-socjeta' intimata, bhala manager fir-rizorsi umani, fejn tat-spjegazzjoni li filwaqt li kienet temmen li qabel it-terminazzjoni kellha issir procedura ta' dixxiplina formali, sija, jekk skond il-ftehim kollettiv tas-socjeta' initmata jew process ta' diskussjoni skond l-employment law, u li wara dan jinholoq bord tad-dixxiplina. Dan ma sar xejn izda hi kienet ordnata mid-Direttur tas-socjeta' intimata sabiex hi tohrog l-ittra tat-terminazzjoni mill-impieg. (Sed 8/02/2022 pag 2 sa 13).

It-Tribunal Industrijali wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa inkunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, jemmen li dan kien każ li jinkwadra fih dawk ir-ragunijiet li setghu iwasslu sabiex issir terminazzjoni l-hekk imsejjha ragjonevoli, (Selwyn Law of Employment), izda fin-nuqqas ta' proceduri dixxiplinarji kif titlob il-prassi fid-dinja tax-xoghol jew kif riferut fil-ftehim kollettiv tal-istess socjeta', it-Tribunal ikollu jikkunsidra din it-terminazzjoni bhala wahda ingusta u mhux skond il-ligi.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrjali jordna lis-socjeta' intimata li thallas lir-rikorrenti s-somma ta' 5,000 hames t'elef euro bhala kumpens.

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

(Iffirmat)
**James Pearsall**
**Chairman**